**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 54/2014 AGV**

**AB ( ID nru: 657663 M)**
**Vs**
**CB ( ID nru:87579M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 18 ta' Marzu 2014, fejn ippremetta s-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-18 ta' Mejju 2002 (certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A);

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, li jisimha DB , li twieldet fis- 16 ta' Lulju, 2003, u ghalhekk ghadha minorenni;

3. Illi l-intimata rrendiet l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli, permezz ta' sevizzi, mohqrija , theddid u offizi gravi, abbandun da parti taghha fil-konfront tal-istess rikorrent meta hi qabdet u abbandunat id-dar matrimonjali u maghha hadet lill-minuri kif ukoll adulterju u dan kif ser jigi ppruvat waqt il-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi r-rikorrenti dejjem ghamel l-almu tieghu sabiex igib ruhu ta' ragel mizzewweg u jipprova jsalva z-zwieg u kien jahdem ghal familja u jaghmel li hemm bzonn;

5. Illi minkejja dan, iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irriemedjabilment b'tort uniku tal-istess intimata li qabdet u telqet mid-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida, marret tghix ghand ommha flimkien mal-minuri u l-hin kollu mohhha biex tmur tnaddaf u tigri barra u tigbed l-attenzjoni ta' irgiel ohra;

6. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jipprocedu bl-istanti permezz ta' digriet, anness u mmarkat bhala Dok. B;

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti prevja u okkorendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna u ghal ragunijiet fuq imsemmija li:-

1.Tiddikjara u tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-partijiet u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimata kif fuq spjegat u tawtorizza lir-rikorrent jghix separatament minn mal-intimata.

2. Tiddikjara l-kura u kustodja tal-minuri DB ghandha tibqa' kongunta bejn il-partijiet.

3. Tiffissa access adegwat a favur l-esponenti.

4. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment ghall-istess minuri li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lil bintu, liema manteniment jirrifletti d-dhul tal-esponenti;

5. Tiddikjara li l-intimat iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti mentri l-esponent jibqghalu d-dritt li jesigi minghandha hlas ta' manteniment ghalih;

6. Tapplika kontra l-intimata l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lir-rikorrenti;

7. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjment ugwali fid-dawl li l-intimata hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lir-rikorrenti *ope sententiam*. Filwaqt li tinnomina Nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill eventwali kontumacja fuq l-istess att.

8. Tikkundanna lill-intimata sabiex tirrestitwixxi lir-rikorrent l-beni kollha dotali u / jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, fin-nuqqas li l-konvenuta taghmel dan, tikkundanna thallas lill-attur dik is-somma li ghandha tigi likwidata,

okkorendo bl-opera ta' Perit nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u / jew parafernali suddetti.

9. Tordna lill-intimata sabiex tghaddi lura l-vettura li hi tal-ghamla Kelisa li ghandha in-numru ta' registrazzjoni EBL-959.

10. Tordna lill-intimata sabiex tirrestitwixxi lill-intimat is-somma ta' tmien t'elef, jew dik is-somma verjuri li l-esponenti nefaq mill-wirt tieghu fid-dar matrimonjali u dan skont ma jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

11. Tordna li l-attur jibqa' jabita fid-dar konjugali li tinsab Sapphire Court, Flat 4, Triq it-Tamal, Qawra, San Pawl il-Bahar, ad eskluzjoni tal-intimata u taghti kull provediment xieraq u opportun fic-cirkostanzi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u tal-medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors, kontra l-intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' CB datata 30 ta' April 2014 fejn tesponi bir-rispett:-**

1. Illi filwaqt li hija taqbel li tigi pronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti, kif ukoll taqbel li l-attur ghandu jghix separatment minn mal-esponenti hija topponi li l-htija tat-tifrik taz-zwieg tigi attribwita lilha;
2. Illi hija topponi li l-kura u kustodja tal-minuri DB, tibqa' fdata konguntivament bejn iz-zewg partiijiet u dan minhabba li l-esponenti thoss li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja taghha tigi fdata

esklussivament f’idejn il-konvenuta hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

3. Il-konvenuta taqbel li jigi regolat access favur l-attur ghall-minuri;

4. Illi l-esponenti taqbel mar-raba’ talba;

5. Illi l-esponenti topponi ghall-hames talba tal-attur u dana minhabba li l-konvenuta ma rrendietx ruhha hatja ta’ komportament li jimmerita d-dekadenza, anzi hija l-esponenti li ghandha bzonn il-manteniment minghand l-attur. Oltre’ dan hija topponi ghal din it-talba ukoll ghaliex l-attur jahdem u ghandu l-mezzi biex imantni lilu innifsu;

6. Illi hija topponi ghas-sitt talba tal-attur;

7. Illi l-esponenti ma topponix ghas-seba’ talba tal-attur u taqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta u likwidata, izda topponi li l-komunjoni tal-akkwisti tigi diviza f’ zewg porzjonijiet, mhux ugwali, u dan peress li l-konvenuta ma rrendietx ruhha hatja ta’ komportament, li jimmerita li hija tircievi porzjon izghar mill-komunjoni tal-akkwisti, izda huwa l-attur li huwa hati ta’ din il-firda;

8. Illi hija topponi ghat-tmien talba tal-attur u dan minhabba li hija ma ghandha l-ebda beni parafernali tal-attur jew taht il-kontroll taghha;

9. Illi hija qed topponi ghad-disa’ talba tal-attur u dan peress li l-vettura hija propjeta’ parafernali tal-esponenti;

10. Illi hija topponi ghall-ghaxar talba u dan peress li dan il-flus kienu flus li jsejhu l-komunjoni tal-akkwsiti, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u qatt ma kienu flus li gejjin minn xi wirt tal-attur;

11. Illi l-esponenti topponi ghall-hdax-il talba tal-attur u dan peress li ma jezistux estremi legali ghalfejn l-esponenti, ghandha tigi eskluza mit-tgawdija ta' din il-propjeta' li taghha hija ko-propjetarja ma' l-attur, u ghaldaqstant, din id-dar ghandha tinbiegh fis-suq miftuh u r-rikavat ghandu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qed jigi minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat il-valutazzjoni tal-fond matrimonjali tal-Perit Censu Galea.[1]

Rat il-valutazzjoni tal-fond matrimonjali tal-Perit David Mifsud Parker.[2]

Rat ir-rapport tal-perit AIC Godwin Abela.[3]

**FATTI**

1. Il-partijiet kienu ltaqghu f'Angelos Bugibba u wara sentejn kienu zzewwgu. Kienu xtraw post Hal Qormi, Triq id-Deheb Fin. [4] Il-pjan kien li ma jkollhomx tfal mill-ewwel sabiex jaqtghu mill-ispejjes tal-post u l-attur ighid li l-konvenuta suppost kellha tahdem ghal xi ghaxar snin, izda

[1] Ara fol. 348 tal-process.
[2] Ara fol.540 tal-process.
[3] Ara process tal-kawza fl-ismijiet inversi Silvana Azzopardi vs Alexander Azzopardi 65/2014.
[4] Ara Dok. AA 1

peress li kienet harget tqila mill-ewwel kienet waqqfet tahdem u kien spicca jhallas iz-zewg pagamenti tal-loan wahdu.

Skond l-attur il-problemi bdew wara li miet missier il-konvenuta, ghaliex kienet saret aktar migbuda lejn ommha. Kien induna li l-konvenuta kellha seba' mitt sena biex tizzewweg peress li kien hemm problemi bejn il-genituri taghha u kienet tinstab imdejjqa d-dar. Kienu ghamlu zmien marru jghixu maghha peress li l-konvenuta riedet tbiegh id-dar ta' Hal Qormi peress li ma kienx hemm lift fih. Kienu spiccaw xtraw post il-Qawra.[5] Peress li kien ghad ma kellhomx ghamara u kien anke sab part-time sabiex ilahhaq mal-finanzi, kienu marru jghixu ghand il-kunjata. Kien inqala' xi dizgwid mal-kunjata, li anke kienet akkuzathom li kienu serquha u ghalhekk telqu lejn il-post li kienu qed jirrangaw. Iktar tard il-konvenuta u ommha rrangaw u regghu marru joqoghdu maghha pero' l-attur ighid li hu ma kienx ihossu komdu mal-kunjata wara li kien gara u dan holoq aktar dizgwid mal-konvenuta.

Kienu zdiedu l-problemi minhabba li kien qed jassumi l-finanzi tal-hajja taghhom kollha wahdu ghaliex il-konvenuta ma kinitx tahdem. Dak iz-zmien kellu paga minima. Kien ighaddi xi flus lill-konvenuta, li hafna drabi kienet titolbu ghal aktar, biex imbaghad skopra li kien qed iwarrabhom u kienet gemmghat xi €8,000. In kontro-ezami, l-attur ighid li l-konvenuta

5 Ara Dok. AA 2

gieli kienet tahdem ta' helper ghand in-nies. Kien hemm zmien meta ghamlet operazzjoni u kienet waqfet ghal sena. Il-flus li kienet taqla' kienet izzommhom hi. Ighid li mill-paga tieghu kien ighaddilha €200 fix-xahar peress li x-xirja kien jiehu hsiebha hu. Kien jahdem ukoll part-time bhala helper f'kjosk San Pawl u kien ighaddilha l-flus kollha li kien jaqla' li kien ta' €4 is-siegha. L-iktar li kien jahdem kien fis-sajf, peress li fix-Xitwa l-kjosk kien jaghlaq.

L-attur kien wiret €8,000 minghand huh u bihom kien xtara l-ghamara ghall-post. Kien anke xtara l-karozza ta' huh il-mejjet, mill-flus li wiret minghandu u l-konvenuta gieghlitu jdawwarha fuqha u ftit wara telqet mid-dar. Kellha karozza qabel li kienet inbieghet ghal €500.

Illum l-attur qed ihallas il-loans li hemm pendenti u jghaddi manteniment lill-konvenuta ghat-tifla minuri. Jikkonferma li m'hemmx taxxa x'tithallas fuq il-post peress li ghaddew tlett snin.

L-attur ikkonferma li kien jahdem bhala general handyman mal-Works Department u esebixxa l-FS 3's tieghu mis-sena 2005 sal-2014.[6]

Bhala assi, l-attur jikkonferma li hemm id-dar u l-ghamara li kienet tiswa' xi €8,000 u kienet tikkonsisti f'kamra tas-sodda u kcina. Kien ghad hemm bilanc ta' €22,000 fuq il-loan tad-dar. Id-dghajsa tal-marka Albatross hija

[6] Doks. AA1 -AA7.

parafernali u qatt ma xtara ohra fiz-zwieg. Kien izommha go garaxx li ukoll huwa parafernali. Dwar il-vettura Kelissa jikkonferma li kien xtraha mill-flus li wiret minghand huh u li kienu bieghu l-vettura Fiat tal-konvenuta li kienet parafernali ghall-prezz ta’ €500. Ikkonferma ukoll li l-konvenuta kienet wirtet xi flus minghand missierha u dawn kienu cirka €2,300.

Dwar l-access, l-attur jispjega li kien qed jara lil bintu fil-weekend b’mod alternattiv u dan mill-Gimgha sal-Hadd. Ma jinnegax li kien ha t-tifla mieghu waqt l-access waqt li kien qieghed ix-xoghol is-Simenta u cioe’ l-kjosk ta’ San Pawl u kienet damet mieghu sal-11.00 pm. Ighid li kien informa lill-konvenuta peress li kellu bzonn jahdem biex ilahhaq mal-ispejjes, ghax kien qieghed ihallas il-loan, il-life insurance, id-dawl kollox wahdu.

Rigward spejjes relatati mal-privat tat-tifla, kien qabel li tmur u li jhallas, izda jametti li kien naqas li jhallas darbtejn u kellu jaghti €15 lill-konvenuta. Jaqbel li t-tifla ghandha tkompli tattendi ghall-privat. Dwar spejjes relatati mas-sahha, ighid li gieli hallas lill-konvenuta u li kien hallas li kellu jhallas ghax ma kienx hemm ircevuta li tatu l-konvenuta.

2. Il-konvenuta, filwaqt li tikkonferma li l-gherusija kienet damet sentejn u kienu zzewwgu f’ Mejju, 2002, tghid li kien fuq insistenza tal-attur li marru joqoghdu Hal Qormi, ghax kien vicin ghax-xoghol tieghu, peress li kien

jahdem mal-Kunsill Lokali u hi kienet tahdem San Gwann. Accettat, izda qatt ma kienet thossha komda f'Hal Qormi.

Tghid li bejnha u l-attur kien hemm erbatax-il sena differenza u kien hu li kien jinsisti maghha biex jizzewwgu u fl-ahhar cediet. Tinnega li kellha ghaggla biex tizzewweg peress li kienet imdejjqa d-dar. Kienet thossha qisha t-tifla tieghu. Wara sena u nofs ta' zwieg xtaqet tarbija, imma l-attur ma kienx konvint ghax beza' li ma jlahhqux mal-ispejjes finanzjarji. Lanqas kien daqshekk eccitat, meta qaltlu li kienet tqila. Fil-fatt damet tahdem sa seba' xhur tqala u wara li twieldet ma kellhiex min izommilha u ghalhekk ma setghetx tkompli tahdem. Baqghet tahdem sa sentejn wara li zzewwgu.

Meta t-tifla bdiet l-iskola, il-konvenuta tispjega li kienet bdiet tahdem bhala helper man-nies, ghax l-attur kien izomm il-paga ghalih. Kienet tghinha ommha bil-flus ukoll u kienet tixtrilha l-halib u l-hrieqi. Meta kienu jghixu San Pawl, l-attur kien jinsisti maghha biex tahdem biex jaqilghu izjed u gieli marret ghand tnejn minn nies fl-istess gurnata. Anzi kien isibilha n-nies hu. Illum tghid li ma tahdimx, hlief li tmur tghin wiehed xih, issajjarlu u anke tiehdu l-appuntamenti l-isptar peress li jinsab nieqes minn ghajnejh u ta' dan jaghtiha xi haga zghira. In kontro-ezami rrispondiet li ssibha komda li llum ma tahdimx u apparti l-ftit li taqla'

minghand dan ir-ragel, tircievi €200 kull xahar minghand l-attur ghall-minuri u €420 fix-xahar beneficcji socjali.

Skond il-konvenuta, l-attur ma kellux relazzjonijiet tajbin ma' missierha u ma' huha E. Meta l-genituri taghha sseparaw, l-attur ma riedhix tiehu lil binthom ghand missierha u s-sitwazzjoni baqqghet hekk sakemm miet. Kien hallilha xi flus fil-wirt tieghu.[7]

Kienu bieghu d-dar ta' Hal Qormi ghax ma kinitx thossha kuntenta u xtraw post f' San Pawl. Sakemm lestew il-post kienu marru jghixu ghand ommha, imma mbaghad spiccaw bl-inkwiet maghha u kienu telqu jghixu l-post il-gdid taghhom. Ftit wara kienet irrangat m'ommha.

Bhala part-time, tghid li l-attur kien jahdem f'gabbana f'San Pawl il-Bahar u meta kienu jinzlu sa hdejh m'ommha kien lanqas jaghti kashom. Kienu jorqdu ghand ommha dak iz-zmien peress li kien jahdem sat-tard. Sakemm kien beda jahdem part-time kien ighinha fil-faccendi tad-dar, izda mbaghad kien waqaf.

Il-konvenuta tghid ukoll li kellhom problemi fl-intimita' ukoll ghax fir-relazzjonijiet intimi, l-attur ma kienx iferraha. Lanqas ma ried iktar tfal peress li bil-kemm kienu jlahhqu bl-ispejjes.

[7] Ara Dok. SA 1.

Il-konvenuta tinsisti li l-attur kien ihalliha nieqsa mill-flus u kienet warrbet xi flus li kienet wirtet minghand missierha u dan kien jaf bihom l-attur ghax kienet thallihom go kaxxa. Kienet wirtet €5, 600.59,[8] li minnhom kienet xtrat kamra tas-sodda u kcina u dawn kienu swewlhom cirka €8,000 (in kontro-ezami tghid li kellah €10,000), imma l-ircevuti kien zammhom l-attur. Kien fadlilha €2,399.41 li kienu l-flus li kienet izzomm f'din il-kaxxa. In kontro-ezami, tghid li ma fadlilha xejn minn dawn il-flus ghax kienet nefqithom fuq id-dar. Tghid li kellha €10, 000 fil-kaxxa u dan mhux biss flus tal-wirt, izda flus li kienet twarrab milli kienet taqla' mix-xoghol taghha u parti minnhom kienet tuzahom ghall-hajja, ghax skond hi ma kienet thallihom nieqsin minn xejn.

Il-konvenuta tghid li l-attur ha d-deheb li kienu tawha l-genituri taghha meta kienet ghalqet sena. Kien jiswa' xi €600.

Dwar il-vetturi, tispjega li hi kellha Fiat, li kienet ilha ghandha minn meta kellha 18-il sena. Meta miet hu l-attur u ried jixtri l-vettura tieghu, kienet bieghhet taghha ghal €500 u kienu xtraw il-vettura ta' huh il-mejjet ghal €1000 u kienu hallsu lil hut l-attur. Tichad li l-karozza thallset mill-flus tal-wirt tal-attur. Tghid li l-attur kien qallha li dina l-vettura kienet taghha u hu kien ser juza' l-van u tichad ukoll li kienet qaltlu li jekk idawwar il-karozza fuqha kienu ser jirrangaw l-affarijiet.

[8] Ara Doks. SA 1 u SA 2

Minn dakinhar tinsisti li l-attur inbidel aktar, bil-kemm jitkellem jew jersaq lejha u kienet spiccat marret torqod go kamra ohra. Kienet bdiet tibza' bil-mod kif kien qed jagixxi l-attur, ghax kien isegwiha kullimkien fid-dar u wara li hadet parir minghand avukat, iddecidiet li titlaq u llum hi u binthom ighixu ghand ommha.

3. FG omm il-konvenuta kienet xtrat il-kamra tas-sodda ghall-partijiet meta kienu se jizzewwgu u kienet anke hallsitilhom l-honeymoon ghall-Iskozja.

   Wara sena u nofs kienet twieldet it-tifla u kienu ferhanin hafna. Kienet tghinha bl-ispejjes tal-halib, hrieqi u anke xi xiri, peress li l-attur ma kienx jaghti lill-konvenuta bizzejjed flus ghall-hajja. Tghid li l-konvenuta kienet baqqghet tahdem sakemm kellha seba' xhur tqala.

   Omm il-konvenuta tikkonferma li l-attur u zewgha ma tantx kienu jingiebu u lanqas mat-tifel taghha E ma kellu relazzjonijiet tajbin. Kien jidher li ma jiehux gost li jmorru ghandu Hal Qormi u ghalhekk kienu jevitaw ghax kien dejjem jinqala' xi dizgwid.

   Meta l-attur kien qieghed ifittex impjieg part-time kienet sabitlu xoghol fl-isnack bar is-Simenta, f'San Pawl il-Bahar u peress li kien jispicca jahdem sat-tard, kienet issuggeritilhom biex imorru jghixu maghha ghall-istagun

tas-sajf. Fil-fatt hekk ghamlu u kienu jinzlu sa hdejn l-attur filghaxijiet, izda kien jippreferi jqatta' hin ma' shabu milli maghhom.

Tghid li meta l-konvenuta qaltilha li kienu ser jixtru post f'San Pawl il-Bahar kienet ferhet u kienet taf li l-konvenuta ma kinitx kuntenta tghix Hal Qormi, izda mbaghad saret taf li ma kinitx imdejjqa minhabba l-post, izda minhabba l-ateggjament tal-attur li kien jiftahar ma' hutu li hu kien jaghmel kollox id-dar. Fil-fatt, tghid li bintha kienet tingwalaha biss ma' HB, hu l-attur u martu IB.

Ix-xhud tiddeskrivi lill-attur bhala persuna supperv, possessiv u anke duttur. Omm il-konvenuta kkonfermat li waqt li l-partijiet kienu qed ighixu ghandha kellha xi tghid mal-attur u kienu telqu u reggghu marru lura d-dar taghhom, filwaqt l-konvenuta kienet tehodilha lill-tifla biex taraha bil-mohbi.

Ikkonfermat ukoll li kienu taw xi deheb lill-minuri biex jibqala rikordju tan-nanniet, izda kien hadhom l-attur. Ikkonfermat li kienu qamu xi €600 u kienu jikkonsistu f' cappetta, curkett, imsielet u choker fost ohrajn.

Tghid li llum il-konvenuta u binthom ighixu maghha.

4. JK, xehdet li ilha taf lill-partijiet peress li hu l-attur kien mizzewweg lil bintha. Kienet tafhom bhala koppja biezla, partikolarment l-attur. Tghid ukoll li l-konvenuta gieli kienet tgerger li l-attur ma tantx kien jaghtiha flus,

pero' imbaghad kienet tpejjep zewg pakketti sigaretti kuljum u dawn kienet tixtrihom mill-flus li kien jaghtiha l-attur peress li hi ma kinitx tahdem. Hasset ukoll li l-konvenuta ma tantx kienet tat kaz li tixtri l-ikel u ssajjar ghax darba meta kienet ghandhom kienet fethet il-fridge u kulma rat kien hobz biss. Anzi rrealizzat li kienet tapprofitta ruhha biex ma ssajjarx u ma kinitx l-ewwel darba li kienu jkunu ghand bintha u kienu jispiccaw jieklu ghandha.

Semmiet ukoll li kienet semghet lill-konvenuta tghid li kienet riedet tizzewweg peress li kienet imdejqa d-dar.

5. Dr. Ylenia Micallef Grimaud, in rapprezentanza ta' MSV Life plc. ipprezantat polza ta' assikurazzjoni li ghadha attiva bin-numru FP00983, li huwa joint policy. L-istess polza hija pledged mal-Bank of Valletta u hija t-tip ta' comprehensive flexi plan. Il-pagamenti kollha saru u kien hemm surrender value li setghet tissarraf qabel id-9 ta' Mejju, 2028. Izda peress li hija pledged mal-bank, ikunu l-ewwel iridu jitnehhew l-interessi tal-bank qabel ma tissarraf. [9]

Irrizultat polza ohra bin-numru 42206 li hija f'isem il-konvenuta u giet imsarrfa fl-1 ta' Mejju, 2014 permezz ta' cekk fl-ammont ta' €4,461.05

---

[9] Ara Dok. YMG

mahrug mill-Bank of Valletta. Il-beneficcjarja hija Marvic Azzopardi. Tghid li din il-polza bdiet fid-29 ta' April, 1998.[10]

6. Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Bank plc. esebit il-kontijiet bankarji li rrizultawlha f'isem il-konvenuta. Kien hemm savings account bin-numru 033083593050 li nghalaq fit-12 ta' Jannar, 2010. Kien hemm deposit ta' €2805.34 meta nfetah u sal-11 ta' Jannar, 2010 kien hemm bilanc ta' 36 cents.[11]

   Ikkonfermat ukoll li fl-10 ta' Marzu, 2008, kien hemm depozitu ta' €285.34 li gew depositati fil-kont numru 083593050 u dawn kienu settlement tal-estate tal-istess Alexander Vella.

7. Renzo Gonzi in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonferma li mir-ricerka li kien ghamel kienu rrizultawlu s-segwenti kontijiet:-

**F'isem il-konvenuta**

i) Savings account li kien nghalaq u kellu bilanc ta' €214.21, liema ammont kien ingibed u dahal go loan account bin-numru 40020998987;[12]

**ii)** Savings account li ghandu bilanc ta' €4.26[13]

**<u>F'isem l-attur</u>**

[10] Ara Dok. YMG1
[11] DOk. AG 1
[12] Dok. RG 1
[13] Dok. RG2

i) Savings account bin-numru 11401758018 u l-bilanc sat-13 ta' Awwissu, 2014 kien jammonta ghal €15.52[14]

**Joint Accounts**

i) Kien hemm zewg joint accounts li huma loan accounts li nghalqu ghax thallsu.[15]

ii) Hemm denominated account D li ghadu miftuh bin-numru 40016805819 li fih bilanc ta' €2169.76[16];

iii) Loan account bin-numru 40020998987 li ghad ghandu bilanc ta' €26,186.94 u dan sas-26 ta' Settembru, 2014 li ghadhom iridu jithallsu l-bank. Il-pagamenti li qed isiru fix-xahar huma ta' €194.90.[17]

8. Joseph Caruana, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonferma li l-pagamenti tal-home loan kienu jsiru mill-kont f'isem tal-attur.[18] Kien hemm pagamenti kemm mill-kont tal-attur, kif ukoll minn kont tal-konvenuta(15203963010).[19] It-total li thallas kien €4,872.5.

[14] Dok. RG 3
[15] Dok. RG 4 u 5
[16] Dok. RG 6
[17] Dok. RG 7
[18] Dok.RG8
[19] Dok. RG9.

Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-istess Bank ikkonfermat li kien hemm zewg kontijiet f'isem l-attur li ghadhom attivi.[20] F'isem l-konvenuta kien hemm zewg kontijiet li llum kienu jinstabu maghluqa.[21]

Dwar kontijiet bankarji tghid li kien hemm erba' kontijiet, tnejn minnhom biss kienu ghadhom attivi.[22]

Dwar is-savings account li kien hemm f'isem l-attur bin-numru 11401758018, saru erba' transazzjonjiet – withdrawal ta' €2,000 fis-7 ta' Lulju, 2012 u l-persuna li kien ghamel dan il-withdrawal kien igib in-numru ta' identita' bhala 657663 (M). Fit-2 ta' Novembru, 2013 kien hemm withdrawal ta' €3,000 mill-istess persuna. Kien sar ukoll deposit fit-12 ta' Lulju, 2013 fl-ammont ta' €1,138.26 li kien cekk tal-HSBC mahrug minn terz u fis-6 ta' Settembru, 2013 kien hemm deposits ta' €1,859.17 li kien mahrug minn terz.

9. Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed li f'isem l-attur kien hemm vettura wahda rregistrata bin-numru LAL 507 li hija Ford Transit. Kien hemm vettura ohra DAO 918 li kienet giet scrapped fis-27 ta' April, 2000.[23]

---

[20] Doks. TF 1 u TF 2.
[21] Doks. TF 3 u TF 4.
[22] Dok.s TF 5- TF8.
[23] DOk. SC1

Ighid ukoll li kien hemm vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBN 959, li kienet giet ghandu by "transfer of inheritance" minn LB ghal ghand l-attur u fl-istess gurnata kienet saret transfer ghal fuq il-konvenuta.[24]

F'isem il-konvenuta tirrizulta vettura wahda EBN 959 tal-ghamla Parodua Kelisa.[25]

Karen Cremona, in rapprezentanza tal-istess Transport Malta kkonfermat li l-konvenuta kellha l-vettura fuq imsemmija, kif ukoll fil-passat kellha Fiat Uno b'numru ta' registrazzjoni EAC 276.[26]

10. MN, oht l-attur tghid li huha kien iltaqa' mal-konvenuta meta kellu 40 sena. Kollox kien jidher sew fl-gherusija u anke fiz-zwieg, minkejja li l-konvenuta kienet donnha ftit maqtugha ghaliha u ta' ftit kliem. Kienet taraha ffissata f'ommha u kienet dejjem maghha. Wara li kellhom it-tifla D kienu jmorru ghandha fil-weekend u waqt li t-tifla kienet tkun l-iskola, kienet tmur ghand ommha. Anke sabiex izur lil missierhom, il-konvenuta kienet tiehu lil ommha. Fis-sajf imbaghad kienet tkun il-hin kollu ghand ommha.

[24] Dok. SC 2
[25] Dok. SC 3
[2626] DOk. KC 2.

F’ Ottubru, 2013, l-attur kien qalilhom li kellu inkwiet mal-konvenuta u kienet sorpriza peress li sa ftit qabel kienu xtraw post gdid il-Qawra.

Qabel ma’ xtraw dan il-post, kienu joqoghodu faccata tax-xhud, izda tghid li l-konvenuta ma tantx kienet taghtiha wicc u kienet tistedinhom darba f’ mitt qamar. Kien jiehu hsieb kollox l-attur peress li l-konvenuta ma kinitx tahdem. Kienet lanqas issajjar, ghax kien jiehu hsieb kollox l-attur.

Kienet il-konvenuta li riedet tmur tghix go post gdid vicin t’ommha u kienu nehhew il-post ghal prezz baxx ta’ Lm44,000 u kienu bieghuh bl-ghamara u l-mobbli kollha go fih.

Ix-xhud tikkonferma li llum ighix fih biss l-attur, peress li l-konvenuta kienet qabdet u telqet mat-tifla. Fuq huha l-attur tghid li kien bniedem bil-ghaqal u biezel u mohhu biex jahdem biss. Il-konvenuta kienet ghadha zghira u kienet kapaci tahdem. Fil-fatt tghid li l-attur kien qalilha li qed tahdem bhala seftura man-nies u dan kienet ikkonfermatu hi stess quddiem il-Qorti.

Ix-xhud ikkonfermat li mill-wirt ta’ huhom, l-attur kien ha €8,000 u xtara l-ghamara ghall-post taghhom. Kien anke xtara bil-flus li wiret il-vettura ta’ huh il-mejjet, li mbaghad dawwarha fuq il-konvenuta li kienet weghditu li kienu ser jittrangaw l-affarijiet bejniethom, izda ma kien tranga xejn.

Dwar l-attur tghid li jahdem mal-Gvern u l-paga tieghu hija wahda minima, pero' dejjem zamm lill-familja tieghu fuq wicc l-idejn. Ma kellux vizzji u delizzji, mix-xoghol ghad-dar. Kien ihobb isajjar biss u gieli jmur jistad bid-dghajsa zghira tieghu.

11. IB mizzewwga lil hu l-attur tispjega li kellhom relazzjonijiet tajbin hafna mal-partijiet u kienu jkunu ghandha ta' spiss, specjalment wara li kellhom it-tifla.

Tikkonferma li kienet taf bil-problemi li kellhom, fis-sens li l-konvenuta ma kinitx kuntenta toqghod Hal Qormi ghax kienet tghix hemm ukoll oht l-attur. Kienet tgerger maghha li minn mindu kellhom it-tifla, l-attur kien inbidel u ma tantx kien itiha kumplimenti. Kien irnexxielha tikkonvinci lill-attur sabiex ibiddlu d-dar u anki biex jitkellmu bejniethom sabiex jirrangaw l-affarijiet. Tghid pero' li anke li wara li l-attur ikkuntenta lill-konvenuta riedet karozza u malli saret taf li wiret xi flus minghand huh u anke karozza rieditu jdawwarha fuqu. L-attur ma tantx ried, izda ghal darb'ohra tghid li kkonvincitu hi.

Izda meta kienu qed jieklu ghandha, il-konvenuta kienet stqarret maghha li ghalkemm kellha dar gdida u haditlu l-karozza, ma kinitx kuntenta u kienet hadet id-decizjoni li titlaq lill-attur.

Problemi ohra kienu relatati mal-intimita' taghhom u l-indhil da parti ta' omm il-konvenuta, peress li kienet dejjem maghhom. Kienu jiggieldu ukoll fuq il-flus.

12. OP, oht l-attur ukoll tiddeskriva lill-konvenuta bhala persuna naqra migbuda maghhom bhala familja. Tikkonferma ukoll li kienet tkun hafna hin ghand ommha milli fid-dar taghhom f'Hal Qormi u dan tafu bhala fatt peress li kienet tkun ghand ohtha MN, li kienet toqghod fl-istess blokk tal-partijiet.

Meta twieldet it-tifla taghhom, tghid li l-attur kien dedikat hafna lejha u huwa persuna biezla u kien jahdem u jistinka ghall-familja. Tghid li sa fejn taf il-konvenuta qatt ma hadmet. L-attur kien anke nnaddaf u jsajjar u jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha li kien hemm bzonn fid-dar.

Ix-xhud bdiet tara differenza fiz-zwieg taghhom meta bieghu d-dar ta' Hal Qormi u marru jghixu San Pawl. Ghall-bidu kienu marru jghixu ghand omm il-konvenuta peress li d-dar taghhom ma kinitx lesta. Hawn indunat li l-konvenuta kienet tkun m'ommha aktar minn qatt qabel u ghalhekk ma tantx kienet tkun mal-attur wahedhom bhala koppja.

L-istess xhud ikkorroborat il-verzjoni ta' hutha dwar il-vettura li xtara l-attur mill-wirt ta' huh u li din kien ittrasferiha fuq il-konvenuta u dakinhar stess telqitu, hadet it-tifla u ghadhu ma jafx ir-raguni sal-gurnata ta' llum.

13. Reuben Bonnici, in rapprezentanza tal-Arms Ltd. ighid li kien hemm zewg kontijiet f'isem l-attur. Wiehed inghalaq u gie trasferit fuq haddiehor. Il-kont l-iehor ghadu attiv. Jekk il-pagatur jinfurmahom, generalment izommu d-dettalji tieghu u fin-nuqqas jigi assunt li l-hlas qed isir mill-account holder.[27]

Kien hemm kont iehor mahrug fis-26 ta' Ottubru, 2014 li sas-27 ta' Novembru, 2014 kien ghadu ma thallasx u kien hemm bilanc ta' €159.8.[28]

14. Joseph Saliba, in rapprezentanza tal-Employment and Training Corporation esebixxa l-employment history tal-partijiet rispettivi.[29] Jikkonferma li l-konvenuta ma kinitx tahdem, pero' l-attur kien impjegat bhala labourer mal-Works Division u kien ilu hemm mill-1994. Esebixxa ukoll ir-registration history tal-partijiet.[30]

15. Spettur Godwin Scerri pprezenta diversi rapporti li saru mill-konvenuta.[31] Dwar l-ewwel akkuza seta' jikkonferma li l-attur kien gie liberat.

---

[27] Dok.RB
[28] Dok. RB 2
[29] Dok. JS1 u JS2
[30] Ara Doks. JS 2 u JS 4.
[31] Doks. GS1-GS4.

16. Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li l-konvenuta kienet qed tircievi zewg tipi ta' beneficcji li huma l-ghajnuna socjali u l-allowance tat-tfal peress li ma tahdimx u ghandha tfal taht is-sittax-il sena. Ipprezenta r-rati li kienet tircievi fuq ic-childrens allowance, ir-rata li kienet tircievi bhala beneficcji socjali, kif ukoll ir-rata li tircievi kull gimgha li jikkomprendi l-bonus ta' Marzu u Settembru u ma jithallasx fil-gimgha u r-rata li tithallas kull sitt xhur bhala bonus ta' Gunju u Dicembru.

Ikkonferma ukoll li l-attur ma kienx jircievi beneficcji.

17. Lawrence Cachia, assistant director fil-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura, pprezenta l-payslips tal-attur fuq perjodu ta' ghaxar snin.[32] Ighid li l-attur huwa fl-iskala tmintax u l-full tal-iskala tmintax, li hija ta' "a general hand." Kull sena mbaghad jitilghu targa targa ghal tmien snin u l-attur kien wasal fl-iskala full.

Dwar il-paga tal-attur ighid li kienet ta' €850.83 u gieli kienet tvarja ghal xi €979.93 u dan kien minhabba li kien jircievi income supplement kif ukoll gieli jkun ircieva l-bonus, li generalment jithallas darbtejn f'sena.[33]

[32] Ara Dok. LC
[33] Ara Doks. CL- CL4

18. Emily Abela, in rapprezentanza tal-Melita, esebit call profile li juri telefonati u sms li rcieva n-numru 99001233, appartenenti lil bint il-partijiet bejn l-1 ta' Marzu, 2016 u 1-31 ta' Mejju, 2016. Dan in-numru huwa rregistrat fuq Helen Vella.[34]

19. Marisa Gauci, pprezentat itemised bill tan-numru 99466818, li jirrizulta huwa n-numru tal-attur u dawn imorru lura biss sa sena.[35]

## KONSIDERAZZJONIJIET

## RESPONSABBILITA'

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li,***

[34] Ara Dok. EA 1.
[35] Ara Dok. MG 1.

***maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni***

***jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

L-attur qed jitfa' r-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg taghhom minhabba li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' servizzi, mohqrija , theddid u offizi gravi u abbandun da parti taghha, filwaqt li l-konvenuta pprezentat kawza hija stess u titfa' r-responsabbilita' fuq l-attur peress li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, ingurji gravi, eccessi u vjolenza u abbuzi fil-konfront taghha.

L-attur izzewweg ta' 40 sena u bejnu u l-konvenuta kien hemm erbatax-il sena differenza. Din id-differenza tigi riflessa f'certi atteggjamenti tal-attur, ghaliex primarjament kien daraha jghix ta' guvni, bla bzonn li jipprovi u jmantni familja u ghalhekk dina l-Qorti tifhem li malli ltaqa' mal-konvenuta u ddecidew li zzewwgu, il-piz finanzjarju kien se jizdied.

Ghal dak li jirrigwarda d-decizjoni li jizzewwgu hemm verzjonijiet kontrastanti, ghaliex filwaqt li l-attur ighid li l-konvenuta kienet gennitu biex jizzewwgu peress li kienu mdejjqa d-dar, da parti taghha hi tghid li kien l-attur li kellu ghaggla biex jizzewwgu peress li kien qed jikber. Hemm provi bizzejjed biex juru li d-decizjoni setghet kienet ikkundizzjonata minn wahda minn dawn ir-ragunijiet jew entrambi.

In ogni caso, irrespettivament minn ha d-decizjoni li jizzewwgu, kien hemm diversi problemi li trid tanalizza dina l-Qorti. Il-konvenuta temergi bhala persuna migbuda hafna lejn ommha. Kienet accettat li tghix Hal Qormi ghax kien vicin ix-xoghol tal-attur, pero' dejjem kellha l-intenzjoni li tirritorna lura San Pawl. Il-provi prodotti mill-attur kollha jikkorroboraw l-istess verzjoni u cioe' li l-konvenuta kienet tkun hafna ghand ommha jew m' ommha. Din il-gibda lejn xulxin kibret fiz-zmien li marru jghixu maghha peress li kienu xtraw dar San Pawl u kienu ghadhom qed jarmawha. Hut l-attur raw li l-konjugi ma kinux qed iqattghu hafna hin wahedhom bhala koppja.

Il-konvenuta donnha ma kienet tikkuntenta xejn, Ma riditx tibqa' toqghod Hal Qormi u bl-ghajnuna ta' IB, l-attur ikkuntenta l-konvenuta. L-istess kien gara meta riedet li jdawwrilha l-karozza li kien xtara mill-flus ta' wirt ta' hu l-attur. Ftit wara effettivament telqet mid-dar matrimonjali.

Fi zmien li kienu jghixu ghand omm il-konvenuta, kien inqala' dizgwid bejn l-attur u omm il-konvenuta, tant li kienu telqu mid-dar taghha u marru jghixu fid-dar taghhom. Il-konvenuta mbaghad kienet tmur tara lil ommha bil-mohbi sakemm irrangaw. Kienu anke jghaddu l-isjuf ghand omm il-konvenuta peress li l-attur kien jahdem bhala helper fil-gabbana f'San Pawl il-Bahar.

Jirrizulta ghalhekk li kien hemm wisq zbilanc bejn il-hin li l-kontendenti kienu jqattghu flimkien bhala koppja, li kwazi jirrizulta inezistenti u l-hin li l-konvenuta kienet tghaddi m' ommha.

Il-konvenuta tilmenta li l-attur kien jittrattaha bhala tifla minhabba d-differenza fl-eta' taghhom. Kien persuna dominanti u possessiv ried izomm kontroll fuq l-affarijiet u konsegwentement, il-konvenuta kienet tafda fih u thallih imexxi. Mir-rizultanzi processwali, dina l-Onorabbli Qorti hija konvinta li l-attur ma kienx jiftah idejh wisq ma' martu fejn jidhlu l-finanzi. Il-paga tieghu ma kinitx ta' barra minn hawn, pero' matul is-sajf kien jahdem go gabbana San Pawl part-time biex ikun jista' jlahhaq mal-ispejjes. Jametti hu stess li mill-paga tieghu kien ighaddi €200 fix-xahar lil martu peress li mbaghad kien jiehu hsieb ix-xirja hu. Huwa minnu ukoll li kien ighaddi l-flus tal-part-time lill-konvenuta, pero' dan kien ifisser li kienet tircevihom biss fix-xhur tas-sajf.

Il-konvenuta, li kienet tahdem bhala seftura man-nies, tghid li kien anzi fuq l-insistenza tal-attur, li kienet tmur tahdem u li hafna drabi kien hu li kien isibilha n-nies biex tahdmilhom. Ommha stess tghid li kienet tghinha finanzjarjament ukoll bix-xiri ta' halib, hrieqi u anke bzonnijiet tat-tarbija u sahansitra fiz-zmien li kienu jghixu maghha kienet tiehu hsieb l-ispejjes kollha hi u anke titmaghhom, izda l-konvenuta tametti li gieli kienu

jaghmlulha xi xirja. Hadd ma jista' jlumha jekk kienet twarrab xi flus milli wirtet u milli kienet taqla'.

Mill-assjem tal-provi, ghalhekk, jirrizulta li kemm l-attur, kif ukoll il-konvenuta kkontribwew ghat-tifrik taz-zwieg taghhom minhabba sevizzi u eccessi. Dwar l-estremi l-ohra dawn ma gewx ippruvati.

## KURA U KUSTODJA

Il-kontendenti kellhom tifla D li twieldet minn dan iz-zwieg. Illum it-tifla ser taghlaq 17-il sena u ghalhekk prattikament, tista' tghid li hija kwazi maggorenni. L-attur mhuwiex qed jikkontesta li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata lill-konvenuta u ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti se tillimita ruhha fuq il-kwistjoni tal-access. It-tifla llum ghandha l-eta' taghha u x'aktarx tfittex aktar li tqatta' l-hin mal-hbieb milli mal-genituri, li wara kollox huwa parti mill-aspett socjali ta' hajjitha li ma jistax jigi mcahhad lilha. Madanakollu, l-gheruq ta' familja stabbli huwa dak li jkomplu jsahhu persuna u jrawwem fiha karattru konsistenti, ghalhekk dina l-Qorti thoss li huwa ferm importanti li tinzamm relazzjoni tajba bejn il-bint u l-attur, li qatt ma jidher li kienet wahda problematika. F'dawn il-kazijiet u tenut kont tal-eta' tal-minuri, ikun opportun li jkun hemm linji gwidi biex ifakkru li hemm certi responsabbiltajiet bejn il-missier u l-bint, izda dawn ghandu jinhadmu bil-flessibilita' li tirrikjedi l-eta' tal-minuri li

bla dubbju ta' xejn ikollha bzonn l-izvog taghha mal-hbieb u kif ukoll ghandha l-htigijiet edukattivi apparti dawk socjali.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqbel illi l-access ghandu jigi ezercitat darba fil-gimgha u jkun hemm sleepover darba fil-weekend jew mill-gimgha sas-Sibt jew mis-Sibt sal-Hadd u dan ghandu jsir bi ftehim bejn il-minuri u l-attur.

**<u>MANTENIMENT</u>**

Diga' nghad li l-kwistjoni ta' flus kienet parti mill-problemi li kien hemm f'dan iz-zwieg. B' ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti, l-attur gie ordnat ihallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri. Il-konvenuta qed titlob li tinghata manteniment ukoll, minhabba li llum tista' pero' ma tafx kemm se tkun tista' tkompli taghmel ix-xoghol li taghmel, li prattikament huwa limitat ghall-anzjan wiehed li huwa ghami u tghix imbaghad mill-beneficcji socjali.

Skond l-artikolu 3B (2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-obbligu ta' manteniment jaqa' fuq iz-zewg genituri b'mod ugwali u ma tezisti ebda skuza sabiex tezimi l-genitur biex ma jhallasx manteniment ghal uliedu.

Fis-sentenza **Angelo Borg vs Kirsten Borg**[36] inghad hekk:-

[36] Deciza 24.06.2009

***"In tema legali jigi osservat li, ghalkemm il-manteniment dovut ghandu jkun proporzjonat bejn il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet tal-minuri, jibqa' ferm il-principju li "kull genitur ghandu jara x'jaghmel biex jaghmel sforz genwin (anke a skapitu tal-interessi personali tieghu) biex imantni lill-ulied li jkun gab fid-dinja" multo magis, bhal fil-kaz prezenti, il-genitur, allura l-konvenuta, kapaci tahdem u tiggenera ntrojtu."***

L-artikolu 54 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla li l-ammont ta' manteniment ghall-ulied ghandu jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewwgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom u ghandhom jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewwgin u tal-ulied, inkluz dan li gej (a) il-bzonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu c-cirkostanzi kollha taghhom;… (e) kull qligh jew beneficcju li l-mizzewwgin, jew min minnhom, jircievu skond il-ligi, minbarra kull ghajnuna socjali li mhix kontributorja li tkun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali. Fil-kawza **Claire Booker vs. Roger Mahlangu**[37] dina l-Onorabbli Qorti rriteniet illi "***il-Qrati taghna kostantement irritenew illi l-quantum tal-manteniment tal-minuri pagabbli mill-genitur li m'ghandux il-kustodja tal-minuri, jigi stabbilit wara apprezzament li l-Qorti trid taghmel tal-fatti migjuba quddiemha fid-dawl tal-provvedimenti legali appena citati."***

[37] Rik.Nru. 183/2016 deciza fis-7 ta' Dicembru, 2017

Il-paga tal-attur kienet ta' €850.83 fix-xahar u gieli kienet tvarja ghal xi €979.93 u dan kien minhabba li kien jircievi income supplement kif ukoll gieli jkun ircieva l-bonus, li generalment jithallas darbtejn f'sena. Prezentement, l-attur qed ihallas ukoll il-loan tad-dar kollha wahdu.

It-tifla llum kibret u l-bzonnijiet taghha ndubbjament dejjem ha jizdiedu u ghalhekk €200 huma forsi ftit u ghalhekk ammont mhux gust. Ikun iktar realistiku jekk dan l-ammont jizdied ghal €300 fix-xahar, b'dan li ghandu jinkludi fih l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. L-istess manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tifla tibda tahdem, taghlaq tmintax-il sena u jekk tkompli tistudja full-time sakemm taghlaq tlieta u ghoxrin sena.

Dwar manteniment ghall-konvenuta, dina l-Qorti tiskanta kif il-konvenuta qed tipprova tiggustifikah peress li qed tikber u ma tistax tibqa' taghmel xoghol ta' fattiga. Il-konvenuta ghad ghandha 41 sena u certament anke jekk ma taghmilx xoghol ta' fattiga kapaci ssib xoghol iehor la darba lanqas m'ghandha dizabilita'. Lanqas ghandha l-limitazzjonijiet tat-trobbija tat-tifla peress li din illum ghandha l-eta' taghha u hija prattikament indipendenti. Ghad ghandha futur quddiemha!

**DEKADENZA**

Illi dina l-Onorabbli Qorti thoss, minn dak li semghet u analizzat li ma jirrizultax li ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 fil-konfront ta' ebda mill-partijiet.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Illi b'digriet taghha tas-7 ta' Ottubru, 2014, dina l-Onorabbli Qorti kienet itterminat il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u ghaldaqstant issa se tghaddi sabiex tillikwidaha.

**DAR KONJUGALI**

Skond ir-rapport tal-Perit AIC Godwin Abela, id-dar konjugali tal-partijiet u cioe' Flat 4, Sapphire Court, Triq it-Tamara, Qawra, San Pawl il-Bahar ghandha valur ta' €165,000. Fuqha ghad hemm loan pendenti mal-Bank of Valletta plc. fl-ammont ta' cirka €21,000.

Fil-fehma ta' dina l-Onorabbli Qorti dina ghandha tinbiegh u jithallas il-loan li ghad hemm pendenti mal-Bank of Valletta plc. Mill-bilanc rimanenti ghandu jinqatghu s-segwenti spejjes:-

i) skond kif ordnat dina l-Onorabbli Qorti datat 7 ta' Ottubru, 2014, l-attur ghandu jigi rifuz nofs il-hlasijiet tal-loan li baqa' jhallas minn Jannar, 2014 sal-bejgh effettiv li jammontaw ghal cirka €4,000;

ii) €5000 u mhux €8000 kif qed tippretendi l-konvenuta peress li mhix konsistenti fix-xhieda taghha dwar kemm kien hemm flus, kemm wirtet u kemm nefqet biex xtrat kcina u kamra tas-sodda ghad-dar;

iii) €8000 ghall-ispejjes li hallas l-attur mill-wirt biex xtara l-ghamara ghad-dar;

Ir-rimanenti bilanc li jifdal wara li jinqatghu dawn l-ispejjes ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

**POLZA TA' ASSIKURAZZJONI**

Il-Polza ta' assikurazzjoni mal-MSV Life plc. ghandha tigi surrendered u tinqasam bejn il-partijiet.

**KONTIJIET BANKARJI**

Peress li jirrizulta li prattikament ma jezistux ammonti sostanzjali, kull kont bankarju ghandu jibqa' tal-parti li tieghu huwa s-sid, hlief ghall-kont bankarju maghruf bhala "D" li jappartjeni lill-minuri u liema kont igib in-numru 40016805819. Dan ghandu jibqa' jigi amministrat mill-konvenuta sakemm it-tifla minuri ssir maggorenni.

**VETTURI**

F'din il-komunjoni jezistu zewg vetturi Ford Transit Van f'isem l-attur bin-numru ta' registrazzjoni LAL 507 li tintuza' minnu u l-vettura Perodua Kelissa bin-numru ta' registrazzjoni EBN 959 f'isem il-konvenuta.

Dwar il-Perodua Kelissa huwa car li din il-vettura nxtrat mill-attur bil-flus li wiret, meta din il-vettura kienet parti mill-assi li halla warajh huh formanti parti mill-wirt tieghu. Jirrizulta li kien hallas cirka €1000 ghaliha, mill-istess flus li kien wiret u fl-istess zmien kienu bieghu l-vettura FIAT li kienet parafernali ghall-konvenuta. Ghalhekk, il-vettura Perodua Kelissa hija parti mill-komunjoni.

In vista ta' dan, ikun opportun li kull parti zzomm il-vettura li llum tinstab fil-pussess taghha.

**MOBBLI**

Il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali u li huma ddentifikati fil-mandat ta' deskrizzjoni ghandhom jinbieghu mad-dar bhala formanti parti mill-istess prezz ta' bejgh tal-fond.

**DEHEB TAL-MINURI**

Ma giex ikkontestat li n-nanniet materni tat-tifla D kienu xtrawlha deheb b'valur ta' €600[38] u li dawn jinstabu ghand l-attur. Dina l-Onorabbli Qorti temmen il-verzjoni tal-konvenuta u tordna li dan id-deheb jigi rritornat minnufih lill-konvenuta, li mbaghad ghandhom jinghataw lill-minuri appena ssir maggorenni.

---

[38] Ara elenku tal-oggetti tad-deheb mar-rikors tal-25 ta' Gunju, 2015 a fol.308 tal-process.til

**KUNJOM**

Il-konvenuta ghandha tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha "G."

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi:-

i) Tilqa' l-ewwel talba in parte stante li kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta rrendew ruhhom hatja ta' sevizzi u eccessi fil-konfront ta' xulxin;

ii) Tichad it-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja tigi fdata eskluzzivament f'idejn il-konvenuta;

iii) Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-access jigi ezercitat kif fuq issuggerit;

iv) Tichad ir-raba' talba u tordna li l-attur ghandu jhallas is-somma ta' €300 fix-xahar, b' dan li ghandu jinkludi fih l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. L-istess manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tifla tibda tahdem, taghlaq tmintax-il sena u jekk tkompli tistudja full-time sakemm taghlaq tlieta u ghoxrin sena u liema somma ghandha tizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja;

v) Tichad il-hames talba, stante li m'hemmx ragunijiet biex jiggustifikaw id-dekadenza, izda ugwalment il-konvenuta m'ghandhiex dritt

tippercepixxi manteniment minghand l-attur u lanqas l-attur stess minghandha;

vi) Tichad is-sitt talba;

vii) Tilqa' s-seba' t-talba u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni kif fuq deciz kif ukoll tinnomina n-Nutar Ian Spiteri biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill eventwali kontumacja fuq l-istess att;

viii) Tilqa' t-tmien talba jekk ikun il-kaz;

ix) Tichad id-disa' talba in vista tal-mod kif giet likwidata u assenjata l-komunjoni tal-akkwisti;

x) Tichad l-ghaxar talba;

xi) Tichad il-hdax-il talba.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati fi kwoti indaqs bejn il-partijiet.

| | |
|---|---|
| **Imhallef** | **Cettina Gauci** |
| **Onor. Dr. Anthony J. Vella** | **Registratur** |